# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


9 ta' Frar, 2010

# Minuti tal-laqgha 39(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 39(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tnejn 8 ta' Frar, 2010 fis-6 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sur John Boxall, Sindku, s-Sinjura Miriam Grech-Kunsilliera u s-Sur Ivan Peresso-Kunsillier. Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar inghaqqad ghal-laqgha fi 6:15 ta' filghaxija.

Il-Kunsilliera Judith Saliba kienet skuzata minhabba ragunijiet ta' sahha.

## Talba.

Is-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal-laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgha 38(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.3(38/05) il-kors "Creative and thinking skills" minghand is-Sinjorina Lara Vassallo.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li l-laqgha mas-Sinjorina Lara Vassallo kienet ghada ma saritx u talab sabiex terga' tigi nnotifikata sabiex issir din il-laqgha.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 Item 1.4(38/05) il-progett “Qualicities – Risk and Prevention”

Is-Sur John Boxall, Sindku, issugerixxa sabiex ghal dan il-progett navvicinaw lis-sur Christopher Camilleri peress li ftit tax-xhur ilu kien ippartecipaw ukoll ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu f’konferenza organizzata mil-Assocjazjoni AVEC dwar “Risk and Prevention”. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 1.5(38/05) il-progett tat-tisbih tal-bandli

Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta kopja tal-progett propost mil-Perit tal-Kunsill s-sur MarkJohn Scicluna u s-sinjura Lisa Grech ghal progett tat-tisbih tal-bandli. Filwaqt li l-kunsilliera prezenti nnutaw b’sodisfazjon il-progett propost ghat-tisbih tal-bandli, l-kunsiliera Miriam Grech issugerit sabiex tinstab alternattiva minflok is-*sandpit* minhabba ragunijiet ta’ sanita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-Kunsill ser jikkonsulta mal-Perit MarkJohn Scicluna u s-sinjorina Lisa Grech dwar dan is-suggeriment.

1.4 Item 2.3(38/05) L-iskema ta’ Energy Saving

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li t-talba ta’ l-istess Kunsill, sabiex l-ammont mghoti lil Kunsill taht l-iskema Energy Saving biex is-sistema *photovoltaic* issir fuq il-bini amministrattiv il-gdid tal-Kunsill, dak tal-Berga ta’ Franza, minflok fuq il-bini amministrattiv prezenti, giet approvata. Is-Sur John Boxall, Sindku, zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab ukoll sabiex il-flus approvati taht l-iskema ta’ accesibilta ahjar fil-lokalita, fejn il-Kunsill kien ser jinstalla lift ghal accesibilta ahjar ghal bini amministrattiv tal-Kunsill, jigu trasferiti ukoll ghal bini amministrattiv il-gdid fil-Berga ta’ Franza.

1.5 Item 2.5 (38/05) Il-laqgha tal-Lokalita.

Wara diskussjoni, is-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-laqgha annwali tal-lokalita issir fix-xahar ta’ Marzu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Item 2.14(38/05) Il-konferenza tal-progett Oralities gewwa Ravenna, fl-Italja.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li ghal din il-konferenza li ser issir bejn it-18 u l-21 ta’ Frar, 2010, ser jattendu huwa flimkien mal-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar u s-sinjorina Christine Bonello, Segretarja Ezekuttiva, peress li ser jigu diskussi diversi materji fosthom l-aspett finanzjarju tal-progett, u l-*lead partner* talab sabiex kull imsieheb ikollu tliet rapprezentanti f’din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Dwar item 7(38/05) is-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz,

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-ittra lil Prim Ministru ghada ma nkitbitx, biss nhar it-Tnejn 15 ta' Frar, 2010, ser issir laqgha mal-Perit ta' l-ADT lid an l-ahhar inghatalu x-xoghlijiet f'din it-triq.

1.8 Item 8(38/05)Is-servizz ta' gbir ta' skart separat.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-iskema offruta mill-kumpanija GreenPak bdiet topera u kien hemm *response* tajjeb hafna mir-residenti ghall-uzu tal-*bring in sites* iz-zghar specjalment fiz-zona ta' Fuq tal-Hawli fejn hemm gew installati biss dawn it-tip ta' *bring in sites.*

1.9 Item 9(38/05) Talba ghad-devoluzzjoni tas-Sular ta' fuq ta' Couvre Porte

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li t-talba ghad-devoluzzjoni tas-sular ta' fuq ta' Couvre Porte, kienet saret u pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni li giet sottomessa lid-dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 2. Korrispondenza.

2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal hames progetti taht is-sejha mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, "Fondi Specjali ghal-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali". Il-progetti sottomessi kienu:

- Investiment fiz-zamma ta' l-indafa pubblika jkun ifisser reklam kbir ghall-Gzejjer Maltin
- Dokumentarju viziv dwar il-Postijiet Storici kollha li jinsabu fil-Birgu b'zewg lingwi, dik Maltija u dik Ingliza.
- Is-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu www.birgu.gov.mt, it-tieqa u l-ahjar sors ta' reklamar ghat-turisti biex jkunu jafu aktar ahjar il-Gzejjer Maltin li ser izuru, specjalment lill-Belt Marittima tal-Birgu
- Ghajnuna fiz-zona ta' Couvre Porte (fid-dahla principali tal-Birgu) issir "Latrina Pubblika Moderna" u accessibli ghall-persuni b'dizabilita minnflok dik ezistenti
- Mezz ta' transport ahjar ghar-residenti b'mod partikolari ghall-anzjani u t-turisti fil-Birgu, fejn jigi ntrodott is-servizz ta' *mini-bus shuttle service.*

2.2 Ittra minghand il-grupp FACES, fejn informa lill-Kunsill li sabiex itellghu r-rapprezentazjoni hajja ta' l-ahhar cena fl-attivita ta' Hamis ix-Xirka, kif ukoll fil-Gimgha l-Kbira filghodu, qed jitolbu hlas ta' € 400. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku pprezenta korrispondenza minghand is-Sur Rui Arimateia, kordinatur tal-progett Oralities, fejn talbu lil Kunsill sabiex ghal kungress li ser issir gewwa Ourense, dwar "*Oral Tradition"*, il-Kunsill Lokali tal-Birgu nnomina persuna sabiex jkun membru fil-kumitat xjentifiku ghal dan il-kungress, kif ukoll *lecturer* sabiex jaghti presentazjoni waqt l-istess kungress. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jinnomina lis-Sinjura Maria Ciappara biex tkun lecturer u lis-Sur George Peresso biex jirrapprezenta lill-Kunsill fil-Kumitat xjentifiku u ghaldaqstant talab sabiex issir laqgha maghhom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sur John Boxall pprezenta korrispondenza minghand l-Assocjazjoni CareMalta Dwar programme ta' tahrig ghal familji li jiehdu hsieb l-anzjani, liema tahrig ser jigi offrut ghalklassi ta' 15-ir-ruh ghal prezz ta' €150 kull klassi b'zewg sezzjonijiet ta' tlett sighat il-wahda. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u jittella' dan il-programm ta' tahrig, flimkien ma' CareMalta f'Mejju 2010, issugerixxa li ssir bejn it-18 u l-21 ta' Mejju, 2010. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra li ntbghatet lil Onorevoli Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghal Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, dwar it-talba tal-Kunsill sabiex tigi rrangata l-latrina pubblika li tinsab fil-post maghruf bhala "it-toqba, peress li tinsab fi stat disaztruz. Is-Sindku zied jghid li fi zmien qarib ser tinhareg skema li l-Kunsill jkun jista' jibbenifika minnha sabiex issir dan il-progett.

2.6 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li nhar l-Erbgha 3 ta' Frar, 2010, saret l-ewwel laqgha tal-Kumitat tar-Riabilitazjoni tal-Kottonera. Hawnhekk is-sur John Boxall, pprezenta kopja ta' l-agenda pprezentata, fejn talab lil kunsilliera jinnutaw li l-progetti kollha proposti jinsabu fil-konfini ta' Bormla. Is-Sindku kompla billi qal li ghal dan gibed l-attenzjoni tal-Membri presenti ghal din il-laqgha.

2.7 Stedina mil-Assocjazjoni ta' l-"Ibliet Storici fil-Mediterran" ghal konferenza li ser issir gewwa Orihuela fi Spanja bejn il-21 u t-22 ta' Mejju, 2010, fejn l-organizaturi ser ihallsu l-akkomodazjoni ta' participant min kull Belt membru. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu l-kunsilliera prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jippartecipa ghal din il-konferenza u ghaliha ghandu jattendi s-Sindku John Boxall.

2.8 Ittra mil-Belt ta' Tours fi Franza, belt membru fl-Assocjazjoni AVEC, fejn talbu li l-Kunsill jaghti d-dettalji tal-Kunsillier responsabli miz-zghazagh peress li fix-xhur li gejjin din il-Belt ser torganizza kungress ghaz-zghazagh ta' l-ibliet membri fl-Assocjazjoni AVEC. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill bghat id-dettalji tal-Kunsillier Ivan Peresso.

2.9 Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsiliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat sabiex jissieheb fil-progett imtella' mill-Kunsill ta' Valladolid fi Spanja taht is-sejha tal "Culture Programme 2007-2013", il-progett "CreArt – Network of Cities for Artistic Creation", progett li jiffoka fuq il-promozzjoni ta' l-arti kulturali u

artistika ta' kull belt membru f'dan il-progett. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazjoni li giet sottomessa l-MEPA mir-Restoration Unit, ghar-riabilitazjoni ta' Couvre Porte li tinkludi l-eskavazzjoni tal-Foss quddiem Couvre Porte u l-emendi fi Triq it-8 ta' Dicembru.

2.11 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kwotazjoni minghand is-sur Lawrence Barbara, ghal skaffar ghal libreija regjonali. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex dawn l-ixkaffar isiru. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Talba minghand is-sur Manuel Camilleri, sid il-hanut "Victory Square" sabiex f'Xatt ir-Rizq biswit il-Monument tal-Helsien, issir tabella bhal dawk ezistenti bir-reklam tal-hanut tieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Ittra minghand is-sur Manos Vougioukas fejn talab lil Kunsill jekk mhux interessat li jissieheb fi progett ta' koperazzjoni bejn il-Belt tal-Birgu u l-Belt ta' Agria fi Grecja, sabiex jissieheb fil-progett "Town twinning networks in the EU 'Europe for Citizens' programme". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Is-Sindku pprezenta invit mil-Assocjazjoni AVEC ghal assemblea generali ta' din l-assocjazjoni li ser issir bejn it-22 u l-24 t'April 2010, gewwa Arles, fi Franza. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti qablu li ghal din il-konferenza ghandu jattendi s-sur John Boxall peress li huwa l-Vici President ta' din l-assocjazjoni

2.15 Is-Sindku ssugerixxa sabiex ghal ftuh tal-wirja tal-Gimgha l-Kbira fil-Berga ta' Franza, l-Kunsill itella' Lejla Funebri, bil-partecipazjoni tal-grupp 4th System Clarinet Quartet, flimkien ma' l-Ghaqda Poeti Maltin, ghal prezz ta' € 200. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta kopja tas-sottomosijoni tal-progett MedSmuca, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa membru fih ghal attenzjoni tal-Kunsilliera.

## 3. <u>Aggornament dwar il-process tal-Gnien tal-Hawli</u>

Is-Sindku, s-sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet inkonessjoni mal-progett ta' kostruzjoni tal-Gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku zied jghid li gew sottomessi mil-Perit Duncan Mifsud, dak kollhu mitlub mil-MEPA u l-Kunsill issa qed jistenna l-approvazjoni ta' l-emendi li saru..

4. **L-attivita ta' Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha**

Is-Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qed isiru ghal attivita ta' "Hamis ix-Xirka fid-dawl tax-Xemgha fil-Birgu". Wara diskussjoni s-Sindku, s-sur John Boxall, issugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-ammont ta' € 5000 ghal ispejjez inkonessjoni ma' din l-attivita. Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5. **Progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea ghas-swar tal-Birgu**

Is-Sindku s-sur JohnBoxall, tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru inkonessjoni mal-progett tal-Gvern Centrali, iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea ghas-swar tal-Birgu

6. ***Qualification Allowance* tas-Segretarja Ezekuttiva**

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li s-Segretarja Ezekuttiva, permess tal-ligi hija ntitolata ghal *qualification allowance,* ta' €465.87 fis-sena, ghal kwalifikazzjoni li ghandha, liema *allowance,* kemm ilha mpjegata mal-Kunsill qatt ma haditha. Ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-*qualification allowance* tas-Segretarja Ezekuttiva ghal din is-sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

7. **Il-process tat-talba ghad-devoluzjoni tal-Berga ta' Franza**

Is-sur John Boxall, Sindku, tah rendikont tal-process tat-talba ghad-devoluzjoni tal-Berga ta' Franza. Is-Sindku zied jghid li fil-granet li gejjien il-Kunsill ser jinghata c-cwievet tal-Berga u ghaldaqstant jibdew il-preparamenti sabiex l-ufficini amministrattivi tal-kunsill jigu trasferiti f'dan il-post.

8. **Stedina ghal konferenza internazzjonali "Giving Sisyphus a Hand – Challenge and Reality in EU project marketing"**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill kien ircieva stedina ghal konferenza internazjonali "Giving Sisyphus a hand – Challenge and reality in EU project marketing" li ser tigi organizzata gewwa Graz, Austria bejn il-11 u t-13 ta'Marzu, 2010. Wara diskussjoni is-Sindku qal li l-Grand Harbour Marina, kienet lesta li tissponsorja l-ispejjez kollha koncernati ma' din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9. **Taghrif dwar il-konferenza tal-progett "Beyond Signs in the City"**

Il-Kunsilliera Miriam Grech, tat rendikont tal-konferenza tal-progett "Beyond Signs in the City". Is-Sinjura Miriam Grech,ipprezentat kopja tad-DVD maghmul min dan il-

progett ghal Belt tal-Birgu. Barra min hekk is-sinjura Grech, iffurmat lil kunsill bil-progetti u x-xoghlijiet relatati ma' dan il-progett.

**10. Attivita ta' Jum il-Birgu, 2010**

Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal okkazjoni ta' Jum il-Birgu, 2010, issir il-ftuh ufficjali tal-Bini Amministrattiv il-gdid tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-Berga ta' Franza. Barra min hekk, il-Sindku ssugerixxa sabiex l-attivitajiet inkonessjoni ma' Jum il-Birgu, jkunu f'idejn il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**11. Affarijiet ohra**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill qieghed fil-process li japplika ghal l-iskema ta' finanzjament ghar-restawr tal-postijiet storici zghar mahruga mid-dipartiment ghal Gvern Lokali, sabiex isir ir-restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fi Triq San Lawrenz u tan-nicca ta' San Duminku li tinsab fi Triq Boffa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 8:15 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu, 2010.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |